**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
**07/2023**
27 TA' NOVEMBRU 2023

# ANDRÉ PIZZUTO ELETT FIL-BORD EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL EWROPEW TAL-ARKITETTI

André Pizzuto, President tal-Kamra tal-Periti, ġie elett fil-Bord Eżekuttive tal-Kunsill Ewropew tal-Arkitetti (ACE). Din il-ħatra prestiġġuża seħħet matul l-Assembleja Ġeneral tal-ACE tat-23 u 24 ta' Novembru fi Brussell.

Il-Kunsill Ewropew tal-Arkitetti hija l-organiżazzjoni rappreżentattiva tal-professjoni tal-arkitetti fuq livell Ewropew. Hija tikkonsisti minn 51 organiżazzjoni membru, li huma r-regolaturi u l-korpi rappreżentattivi fil-membri stati tal-Unjoni Ewropeja, l-istati applikanti għall-sħubija fl-Ewropa, ir-Renju Unit, Svizzera u Norveġja, kif ukoll 5 membri osservaturi – Serbja, Turkija, Ukraina, Montenegro, u l-Maċedonja ta' Fuq. Permezz tagħhom, l-ACE tirrapreżenta l-interessi ta' iktar minn nofs miljun arkitetti minn 35 pajjiż fl-Ewropa.

L-ACE hija involuta fin-negozzjati mal-kontropartijiet tagħha fir-Renju Unit u l-Kanada dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-arkietti bħala parti mi-trattati għal kummerċ ħiele bejn l-Unjoni Ewropeja u r-Renju Unit, u l-Unjoni Ewropeja u l-Kanada.

Hija ukoll involuta b'mod b'saħħtu f'negozzjati mal-Kummissjoni Ewropeja dwar diversi direttivi Ewropej, inkluż dawk dwar il-Konsum tal-Enerġija fil-Bini, Servizzi fi ħdan is-suq Intern, Appalti Pubbliċi, Test ta' Proporzjonalità, u r-Rikonoxximent Reċiproku dwar il-Kwalifiki Professjonali.

**Nota Bijografika:**

André Pizzuto ggradwa fl-inġinjerija u l-arkitettura fl-Università tal-Malta fl-2002, u ngħata l-warrant sabiex jipprattika bħala perit fl-2004. Huwa ggradwa b'masters fil-Politika u l-Prattika tal-Ippjanar f'London South Bank University fl-2011. Fl-2016, huwa ġie kkonferiti MBA fl-Immaniġġjar tal-Proprjetà u l-Kostruzzjoni fil-University College of Estate Management, ġewwa Reading, u Diploma Post-lawreja fi Project Management mill-Royal Institute of Chartered Surveyors. Pizzuto huwa d-Direttur Maniġerjali ta' Design Principle, ditta ta' arkitettura li huwa waqqaf fl-2004 ibbażat il-Belt Valletta. Huwa ukoll okkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Proprjetà fi ħdan l-Awtorità tad-Djar bejn l-2011 u l-2013.

Huwa ġie elett bħala membru tal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti minn Diċembru 2014, okkupa l-kariga ta’ Viċi President u Teżorier bejn Jannar 2019 u Diċembru 2020. Huwa okkupa l-kariga ta’ President minn Diċembru tal-2020. Huwa kien ukoll id-delegat tal-Kunsill dwar ir-regolament tal-bini f’Malta mill-2017, u rrappreżenta lil-Kamra fuq il-Building Industry Consultative Council (BICC) fuq materji rigwardanti regolamentazzjoni tal-bini u fuq il-Kunsill Ewropew tal-Arkitetti. Fl-2017, huwa ġie appuntat chairperson tal-working group tal-Kamra dwar ir-regolamentazzjoni tal-bini li kien iddelegat il-formulazzjoni u l-iżvilupp ta’ proposta komprensiva dwar riforma komprensiva tas-sistema ta’ regolamentazzjoni tal-bini u kostruzzjoni, liema dokument ġie ppublikat f’Mejju 2019.

**TMIEM**